# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

2 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Kunsillier
Frances Galea – Kunsilliera
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 1**

1.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
1.2 Aċċetazzjoni tal-ħatra tas-Sindku;
1.3 Accetazzjoni tal-ħatra tal-Viċi Sindku;
1.4 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament.

## Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal it-talba u ntroduċa l-laqgħa fejn spjega kif se timxi l-ewwel laqgħa tad-Disa' Leġislatura ta' dan il-Kunsill il-ġdid speċjalment liż-żewġ Kunsillieri l-ġodda. Huwa feraħ lill-membri kollha eletti filwaqt li enfasizza fl-importanza li l-membri kollha jsiru familjari mal-proċeduri tal-Att tal-Gvern Lokali speċjalment mal-proċeduri tal-laqgħat. Huwa qal li dawn jistgħu jarawhom minn fuq is-sit tal-Atti tal-Gvern sabiex jifluhom u jsegwuhom.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

1.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda l-kelma lil Kunsilliera Frances Galea bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan. Il-Kunsilliera Galea rringrazzjat lir-residenti Ta' Sannat li reġgħu eliġewha biex bil-vot tagħhom hi tinsab f'dan il-Kunsill. Hi qalet li matul is-sitt snin li serviet bħala Viċi Sindku fil-leġislatura preċedenti kien żmien ta' esperjenża u li minnu tgħalmet ħafna. Hi rringrazzjat lill-sħaba l-Kunsillieri kemm dawk li reġu jinsabu fuq din l-istess mejda u dawk ta qabel u talbet biex flimkien mall-Kunsillieri l-ġodda jaħdmu id f'id għal ġid komuni b'risq il-lokalita' Ta' Sannat. Wara talbet biex nkomplu billi ngħaddu għal aċċetazzjoni tal-ħatriet tas-Sindku u Viċi Sindku skont l-Aġenda.

## 1.2 Aċċetazzjoni tal-ħatra tas-Sindku

1.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skont artiklu 25 tal-Liġi tal-Gvern Lokali, l-aktar li ġab voti mill-partit li kiseb l-aktar siġġijiet, kellu d-dritt li jieħu l-kariġa ta' Sindku. Huwa għalhekk talab lis-Sur Philip Vella biex jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Vella aċċetta u ffirma l-ittra tal-aċċetazzjoni. Is-Sindku rringrazzja lil dawk li eliġewh biex reġa ħa din il-kariga ta' Sindku, hu qal li hu flimkien mal-Kunsillieri ser ikompli jaħdem għal ġid ta' din il-lokalita'. Hu feraħ lill-Kunsillieri eletti. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsillieri kollha u qal li mill-laqgħa li jmiss ser ikun qed jassenja d-dikasteri lil kull Kunsillier biex dan il-Kunsill jikseb dak kollhu li jixraq lil din il-lokalita' biex flimkien inkomplu naħdmu fejn ħalla l-Kunsill preċedenti u nkomplu b'dak ġdid.

1.2.2 Is-Segretarju Eżektuttiv talab lis-Sindku biex għada l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2019, fis-6.00 p.m., jieħu l-Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku fi Pjazza Indipendenza, il-Belt Victoria.

## 1.3 Aċċetazzjoni tal-ħatra tal-Viċi Sindku

1.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab li terġa ssir l-istess proċedura fil-konfront tal-kariġa tal-Viċi Sindku u għalhekk staqsa lis-Sinjura Frances Galea biex tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sinjura Galea aċċettat u ffirmat l-ittra tal-aċċetazzjoni.

1.3.2 Is-Segretarju Eżektuttiv talab lill-Viċi Sindku wkoll biex għada l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2019, tieħu l-Ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku fi Pjazza Indipendenza, il-Belt Victoria.

## 1.4 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

1.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1.43 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 9 ta' Lulju 2019

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |